| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 3 ta' Marzu | Mis-7:00pm sas-7:30pm - ***Eżerċizzi għal Kulħadd: Laqgħa 2*** |
| Il-Ġimgħa 5 ta' Marzu | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 7 ta' Marzu | **It-Tielet Ħadd tar-Randan**<br>Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija. |
| L-Erbgħa 10 ta' Marzu | Mis-7:00pm sas-7:30pm - ***Eżerċizzi għal Kulħadd: Laqgħa 3*** |
| Il-Ħamis 11 ta' Marzu | *Anniversarju Saċerdotali:* Dun Karm Zammit: 54 sena (1967) |
| Il-Ħadd 14 ta' Marzu | **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan** |
| Mit-Tnejn 15 sal-Erbgħa 17 ta' Marzu | Filgħodu - **Eżerċizzi għat-Tfal tal-Iskola Primarja.** |
| It-Tnejn 15 ta' Marzu | Fil-4:45pm - L-Ewwel Qrara fil-knisja parrokkjali. |
| L-Erbgħa 17 ta' Marzu | Mis-7:00pm sas-7:30pm - ***Eżerċizzi għal Kulħadd: Laqgħa 4*** |
| Il-Ġimgħa 19 ta' Marzu | **Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla** |
| Il-Ħadd 21 ta' Marzu | **Il-Ħames Ħadd tar-Randan**<br>Fid-9:00am - Quddiesa bil-Preżentazzjoni tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara u li qed jiġu ppreparati għall-Ewwel Tqarbina. |
| L-Erbgħa 24 ta' Marzu | Mis-7:00pm sas-7:30pm - ***Eżerċizzi għal Kulħadd: Laqgħa 5*** |
| Il-Ħamis 25 ta' Marzu | **Solennità *tat-Tħabbira tal-Mulej - Il-Lunzjata***<br>**Jum ir-Rikonċiljazzjoni:** *Ħin għall-Qrar*<br>***Filgħodu - Qabel u matul il-ħin tal-quddies.***<br>***Filgħaxija - Mill-5:00pm 'il quddiem.***<br>Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa. |
| Il-Ġimgħa 26 ta' Marzu | **Festa Devozzjonali tad-Duluri**:<br>*Filgħodu:-* Mis-7:00am sas-7:30am - Qrar<br>Fis-7:30am - Quddiesa<br>*Filgħoaxija:-* Mill-4:30pm sat-8:00pm - Qrar<br>Fil-5:30pm - Quddiesa<br>Fis-6:30pm - Meditazzjoni u Talb tas-7 Duluri fil-knisja<br>Fis-7:30pm - Quddiesa |
| Il-Ħadd 28 ta' Marzu | **Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**<br>Fis-6:45am - Quddiesa<br>Fid-9:00am - Tberik tal-frieghi taż-żebbuġ u nkomplu bil-Quddiesa<br>Fl-10:30am - Quddiesa<br>Fis-6:00pm - Quddiesa |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Niya Mangion Dean Schembri



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Catherine Bonello

***Nitolbu għalihom!***



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# IX-XBIEHA TAL-KURĊIFISS

## MAL-MEDDA TAS-SNIN: *Ejjew niskopruha*



***L-Oriġini fl-Arti***



Ix-xena tal-Kruċifissjoni damet sew biex bdiet titfaċċa. Infatti ma nsibu l-ebda xbieha tal-Kurċifiss, lanqas fis-sarkofagi u l-katakombi, għajr is-salib li mis-seklu II beda jidher b'mod pjuttost moħbi taħt forma ta' **ANKRA** jew tal-monogramma **"CHI-RO"** bħala sinjal ta' tama. U dan għax l-ewwel Insara ma kinux jifilħu l-ikonografija tas-salib. Niftakru li l-Kurċifiss kien xi ħaġa li San Pawl stess ifissru bħala "skandlu u bluha" (1 Kor. 1, 23). Hekk għall-ewlenin Insara, is-salib kien sinjal ta' mistħija u kien iwaqqagħhom għaċ-ċajt. Xhieda ta' dan għadna l-graffit tal-Palatin tat-III seklu fejn naraw kurċifiss b'ras ta' ħmar bil-kitba: *"Alexamenos jadura lil Alla tiegħu".*

***Il-perjodu Paleokristjan: IS-SALIB GLORJUŻ BISS***

Fis-sena 313 A.D. l-Imperatur Ruman Kostantinu ħaddan is-simbolu tal-CHI-RO li sar magħruf aħjar bħala l-**MONOGRAMMA KOSTANTINJANA**: ordna li din kellha tkun l-insinja tal-armata imperjali tiegħu fil-battalja kontra l-għadu tiegħu Massenzju. Wara l-konċilju ta' Niċea tat-325 jibdew jidhru l-ewwel xbihat ta' Kristu, xi drabi bis-salib f'idejh, donnu trofew.

Lejn tmiem is-seklu IV seħħ żvilupp fil-kult tas-Salib u tar-relikwi, bħalma jixhed il-Pellegrinaġġ ta' Sant Elena u aktar tard ta' Eġerja, fis-sena 384. Is-Salib jibda jiġi muri bħala *'Etimasia'*, it-tron battal iddominat mis-**SALIB TAL-ĠAWHAR**, fejn Kristu hu assenti sakemm jerġa' jiġi fl-aħħar taż-żmien. Dejjem fis-seklu IV, beda l-bini u t-tiżjin tal-bażiliċi l-kbar ta' Ruma. Insibu per eżempju l-mużajk ta' S. Pudenziana tat-390, u s-Salib ta' Ravenna. Bħalhom jew jixbħuhom hemm oħrajn li lkoll juruna s-Salib bħala simbolu tat-trijonf tal-Għid ta' Kristu u tar-rebħa tal-Knisja fuq il-paganiżmu, għax l-Imperu kien sar Kristjan. F'dan il-perjodu naraw ukoll l-iżvilupp tas-**SALIB "SIĠRA"** bosta drabi b'zokk ta' lewn aħdar, u li jesprimu t-tifsira tas-Siġra tal-Ħajja f'kuntrast ma' dik tal-ġnien tal-Eden.



***Il-Medjuevu tardiv: IL-KURĊIFISS TRIJUNFANTI***

Mis-seklu V 'l quddiem il-figura ta' Ġesù tibda ssib postha fuq is-salib, u hekk insibu l-ewwel xbihat tal-Kurċifiss.

Għall-bidu Kristu jintwera bħala adolexxenti Ruman, iżda mbagħad tidħol il-figura Sirjana, fejn wiċċ Ġesù tispikka fih il-leħja. Fis-seklu VI iseħħ żvilupp mgħaġġel li jsir pjuttost popolari: mill-ewwel dehriet tax-xbieha ta' **Kristu Atleta Rebbieħ** hekk kif juruna l-avorju tal-*British Museum* u l-Bieb ta' Santa Sabina f'Ruma, ngħaddu għall-ikonografija tal-**KRISTU REBBIEĦ FUQ IL-MEWT / TRIJUNFANTI** - li la jħoss uġiegħ u lanqas mejjet, imma li huwa ħaj għax hu l-Mulej. Dan baqa' dominanti sa' ċirka s-sena 1000.



### *Wara l-ewwel Millenju: IL-KURĊIFISS TAL-PASSJONI*

Fis-seklu X jibda jidher **KRISTU BATUT** jew saħansitra **MEJJET** (*"Patiens"*), liema xbieha tenfasizza l-umanità li tbati ta' Ġesù, u li tħeġġeġ parteċipazzjoni aktar affettiva min-naħa tal-fidili. Fil-perjodu Romanesk, u f'dak Gotiku li ġie eżatt warajh, jiżdiedu l-figuri u s-simboli fix-xeni tal-Kruċifissjoni, u l-affreski żviluppaw donnu "spettaklu" bin-nies bħala spettaturi jħarsu, bid-dulur ta' Marija, bil-Madalena, b'Lonġinu u l-lanza, bix-xemx u l-qamar, u bil-biki tal-anġli. San Franġisk u San Duminku, u l-Ordnijiet Mendikanti mwaqqfa minnhom li għarfu l-qawwa tal-komunikazzjoni tax-xbihat, għenu sewwa biex tingħata attenzjoni akbar għall-anatomija u għall-emozzjonijiet, u xprunaw l-ispiritwalità marbuta ma' din ix-xbieha ta' Kristu, u li bih kull Nisrani huwa msejjaħ biex jieħu sehem fil-Passjoni ma' Ġesù.



Tibda tispikka wkoll enfasi pjuttost qawwija fuq il-pjagi, xi drabi miksija bid-demm. Eżempju partikulari huwa d-demm li jinżel mill-kustat minfud sa taħt iż-żaqq, b'referenza għaċ-ċirkonċiżjoni, l-ewwel ferita sagrifikali tal-Mulej. Il-kuruna tax-xewk, li tissemma fl-Evanġelji, ukoll bdiet tidher u bdiet tieħu post il-Kuruna Rjali ta' Kristu Trijunfanti, u sa' mill-1300 saret u saħansitra baqgħet element tradizzjonali tal-ikonografija, hekk kif ukoll nistgħu ngħidu li baqa', għajr għal xi varjazzjonijiet, dan it-tip ta' Kurċifiss.

### *Ir-Rinaxximent: KRISTU, IL-BNIEDEM IDEALI*

Ir-Rinaxximent jimmarka l-bidu ta' prospettivi kbar għall-altari, u b'mod parallel ukoll jinfirxu l-opri żgħar għad-devozzjoni privata li fiha jispikkaw il-Fjammingi, li jħeġġu għall-interjorizzazzjoni tal-fidi u għall-imitazzjoni ta' Kristu. Naraw l-interjorizzazzjoni tal-uġigħ: il-kurċifissi jsiru anqas drammatiċi għax il-preferenza tingħata lis-sempliċità u lill-profondità. Diversi artisti lanqas ma qagħdu lura milli juru lil Kristu Kurċifiss għeri, u dan mingħajr ma jtellef id-dinjità u l-profondità tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem u mgħoti għalina. Jiġi ppreżentat ma' **KRISTU, IL-BNIEDEM PERFETT**, anke ideal ta' umaniżmu nisrani, hekk kif pereżempju huwa rifless fil-Kurċifissi tal-Beato Angelico. B'dan l-iżvilupp naslu għaċ-ċelebrazzjoni ta' Kristu bħala l-eroj, bħalma jidher fil-pitturi fil-bikri tas-seklu XVI.



### *Il-Kontroriforma, il-Barokk u lil hinn minnhom: BEJN ESTASI U BIKI*

Wara r-Riforma Protestanta, il-Konċiju ta' Trento wera biċ-ċar li kien favur u mbotta l-arti kattolika bħala mezz ta' propaganda, ta' katekeżi u ta' moralità, din tal-aħħar tant magħrufin għaliha l-Ġiżwiti. Jibdew jidhru altari kbar li taħsibhom mibnija fuq diversi sulari, bħall-għolja tal-Kalvarju, b'Kurċifissi fiċ-ċentru jew fil-quċċata, u li jixbħu teatri b'figuri mimlija ġesti vivaċi. Fil-pittura, il-gosti u l-preferenzi jvarjaw bejn artisti marbuta ma' dawk influwenzati minn Caravaggio jew dawk li jmorru għall-klassiku: fi Spanja jispikkaw Zurbaran, Ribalta, Rubens, Velazquez, u fi Franza nsibu lil Simon Vouet, Philippe de Champagne u Le Brun. Nibdew insibu wkoll il-**KURĊIFISSI ORANTI U AGONIZZANTI**, tassew intensi u kommoventi, bħalma huma kurċifissi mpittra mit-Taljan Guido Reni. F'dan il-perjodu, nsibu wkoll l-iżvilupp tal-kurċifissi "ansenisti" bi driegħhom pjuttost magħluqin b'rabta mal-kunċett tal-predestinazzjoni u tar-rigoriżmu li jenfasizzaw li ftit huma dawk li jsalvaw. B'mod kuntrastanti jkompli l-moviment protestant, aktar sobrju, hekk kif huma t-Tlett Islaleb ta' Rembrandt, u r-risposta kattolika, aktar imqanqla, kif juruna x-xogħolijiet ta' Peter Paul Rubens. L-introduzzjoni u l-iżvilupp tal-Via Crucis seħħet propju f'dan iż-żmien, u din kompliet tgħin biex tingħata aktar attenzjoni lill-ġrajjiet li jeħduna għax-xena tal-Kalvarju.

Bejn is-sekli XVIII u XIX tibqa' tiġi osservata t-tradizzjoni hekk kif jurina l-ispanjol Goya, imma l-gosti Neoklassiċi u Romantiċi, murija sew minn William Blake u Delacroix, iddettaw, biex ngħidu hekk, ċertu tiġdid. Nibdew nassistu għas-sekularizzazzjoni tal-arti sagra b'opri bħall-famuż *Kurċifiss tal-Muntanja* ta' Caspar David Friedrich, fejn jiddomina b'mod assolut il-paesaġġ. Aspetti oħra ġodda li ħallew marka nistgħu nsibuhom permezz fl-artisti marbuta mal-Impressjoniżmu bħal fil-*Kristu Safrani* ta' Gauguin jew ix-xogħol ta' Maurice Denis.

### *Is-Seklu XX u l-Arti Kontemporanja: IS-SALIB, DRAMM TAD-DINJA*

Tul is-seklu XX l-arti nqatgħet mill-Knisja u permezz ta' artisti bħall-Ġermaniż Emil Nolde u n-Norveġiż Edvard Munch, bdiet tesprimi fil-Kurċifiss il-mard mentali li beda jinkixef iktar permezz tal-psikanaliżi, il-gwerer dinjija, il-qerda xprunata min-Nażimżmu, it-tema tar-razziżmu bil-Ku-Klux-Clan, li lkoll kkaratterizzaw lil dan is-seklu. Artisti li spikkaw kienu il-Franċiż Georges Rouault, Marc Chagall, Picasso, Guttuso u Salvator Dalì, bl-opra artistika magħrufa tiegħu *il-Kurċifiss ta' San Ġwann tas-Salib*. Insibu wkoll xogħolijiet li jesprimu viżjonijiet apokalittiċi, u permezz ta' Francis Bacon u Antonio Saura, jispikkaw diversi xogħolijiet ta' Kurċifissi li b'pinzellati pjuttost vjolenti, iħallu dejjem ħafna impressjoni.



Finalment, illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li filwaqt li fid-dinja tal-moda, tal-ispettaklu u tal-isport, matul dawn l-aħħar snin, il-Kurċifiss sar ornament (kullani, msielet) jew gadget, fl-ambjent liturġiku u kateketiku qed nassistu għas-sejba mill-ġdid, kif ukoll għar-ri-interpretazzjoni tal-mudell tal-**KRISTU REBBIEGĦ.**